MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 686/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN J. GATT**

**VS**

**EMANUEL GRECH**
**CHARLES JOSEPH SPAGNOL**
**CLIFFORD GARRETT**
**DOMENIC OMAR PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emanuel Grech ta’ 19-il-sena iben Carmel u Christine Mamo, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ April 1985 u joqghod The Bronx,

Triq il-Qantar, Swieqi, bin-numru tal-karta ta' l-identita' 209585M;

U kontra Clifford Garrett ta' 15-il-sena iben Silvio William u Rose Cordina imwieled Pieta' fit-12 ta' Mejju 1989 u joqghod Block B3, Flat 12, Triq il-Mimosa, San Gwann;

U kontra Domenic Omar Pace ta' 21 sena iben missier mhux maghruf u Maria Dolores Pace, imwieled Ghawdex fil-11 ta' Awissu 1983 u joqghod Block 4, Door C, Flat 23, Vjal in-Naspli, San Gwann bin-numru tal-Karta ta' L-Identita' 23183G;

U kontra Charles Joseph Spagnol ta' 16-il-sena iben Paul u Theresa Abela imwieled Pieta' fit-8 ta' April 1988 u joqghod Block 8, Bieb D, Flat 32, Triq il-Ballut, San Gwann bin-numru tal-Karta ta' L-Identita' 223588M;

Talli fil-21 ta' Awissu 2004 ghall-habta ta' bejn is-1.00am u t-3.00am f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) gewwa ta' Giorni, San Giljan, ikkommettew serq ta' flus u oggetti ohra ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin;

b) gewwa tas-Sliema, ikkommettew serq ta' mobile phone tal-marka Sony Ericsson, flus u oggetti ohra ghad-detrimenti ta' Angelle Xuereb minn Rahal Gdid, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (liema haga misruqa mhux izjed minn elf lira maltin ), bil-hin u bil-vjolenza;

c) Kif ukoll lil Domenic Omar Pace, Emanuel Grech u Charles Joseph Spagnol biss talli fid-19 ta' Awissu 2004 gewwa s-Swieqi ghall-habta tat-3.00am,

ikkommettew serq ta’ flus u oggetti ohra ghad-detriment ta’ Annette Theis ta’ nazzjonalita’ Germaniza liema serq huwa kkwalifikat bil-hin;

d) Kif ukoll lill-imsemmija Charles Joseph Spagnol u Clifford Garrett talli fil-21 ta’ Awissu 2004 gewwa Tas-Sliema ghall-habta tat-3.00am, ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Angelle Xuereb kif ccertifikat it-tabib tac-centru tas-Sahha tal-Gzira;

e) Ukoll lill-imsemmija Charles Joseph Spagnol, Clifford Garrett, Emanuel Grech u Domenic Omar Pace talli fid-19 ta’ Awissu 2004, u 21 ta’ Awissu 2004 f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahhlu bex ibieghuhom jew imexxuhom.

Wara illi rat l-Artikoli 232, 261, 262, 267, 270 u 274 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U wara illi semghet l-ammissjoni bikrija ta’ l-istess imputati;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet il-Probation Officers Mary Rose Farrugia u Mary Anne Zammit, din il-Qorti, fil-waqt li ssibhom hatja qieghda tikkundannahom ghall-hlas ta’ mitejn lira maltin (Lm200) bhala kumpens lill-vittma, f’porzjoni ugwali bejniethom u cioe’ hamsin lira maltin (Lm50) kull wiehed, kif ukoll qieghda tordna li l-istess imputati jitqieghedu taht Ordni ta’ Probation a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin (3) taht is-Supervizjoni ta’ l-istess Probation Officers, Mary Rose Farrugia u M’Anne Zammit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------